MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Numru 1555/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**GIULIO ZARB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Giulio Zarb ta' 50 sena, bin il-mejjet Amabile Carmelo u l-mejta Mary nee' Borg, imwieled San Giljan fit-2 ta' Ottubru 1957, u li joqghod f'Numru 91, Triq Spinola, San Giljan. Detentur tal-karta' ta'l-Identita' numru 657757M.

Billi gie akkuzat talli f'Novembru 2007, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

a. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn LM20, 000.00 ghad-dannu ta' John P. Busuttil, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilhu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghhu.

b. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn LM20, 000.00 ghad-dannu ta' John P. Busuttil.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta'spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li huwa qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sentejn millum, ihallas lill-parte civile John P. Busuttil (Karta tal-Identita' Numru 185647M) is-somma ta' Ewro 88,480 dovuta lill-istess parte civile rigwardanti dan il-kaz, b'dan li l-istess imputat qieghed jobbliga ruhu li l-ewwel pagament li sejjer jaghmel rigwardanti din is-somma ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur millum u dan il-pagament ghandu jkun ta' Ewro 22,270, bil-bilanc jithallas imbaghad fir-rimanenti sena u nofs, u dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghall kull azzjoni ta' natura civili spettanti lill-parte civile.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile John P. Busuttil, presenti fl-Awla, iddikjara li huwa qieghed jaqbel li s-somma dovuta lilu rigwardanti dan il-kaz mill-imputat hija ta' Ewro 88,480 u inoltre iddikjara li qieghed jaqbel mal-modalita' ta' hlas suggerita mill-imputat.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Inoltre fl-istess Verbal tas-Seduta tallum l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li peress li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika u maghmula a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Giulio Zarb, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li huwa qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sentejn millum, ihallas lill-parte civile John P. Busuttil (Karta tal-Identita' Numru 185647M) is-somma ta' Ewro 88,480 dovuta lill-istess parte civile rigwardanti dan il-kaz, b'dan li l-istess imputat qieghed jobbliga ruhu li l-ewwel pagament li sejjer jaghmel rigwardanti din is-somma ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur millum u dan il-pagament ghandu jkun ta' Ewro 22,270, bil-bilanc jithallas imbaghad fir-rimanenti sena u nofs, u dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghall kull azzjoni ta' natura civili spettanti lill-parte civile, li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile John P. Busuttil, presenti fl-Awla, iddikjara li huwa qieghed jaqbel li s-somma dovuta lilu rigwardanti dan il-kaz mill-imputat hija ta' Ewro 88,480 u inoltre iddikjara li qieghed jaqbel mal-modalita' ta' hlas suggerita mill-imputat u inoltre li fil-Verbal tas-Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Giulio Zarb ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Giulio Zarb jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Peress li mill-atti ta' din il-kawza ma' jirrizultax li gew esebiti oggetti li huma soggetti ghal konfiska ghaldaqstant il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ghal konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-

imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Giulio Zarb l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------